MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 777/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 777/2015LM fl-ismijiet:**

**Thomas (K.I. Nru 453150M)**
**u Bernardette (K.I. Nru 787850M) konjuġi Debono**

**vs**

**Stephen Abela direttur, ġuvni bin Raphel u Anna neè Vassallo, imwieled San Ġiljan u residenti San Ġiljan, (K.I. Nru 272773M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Thomas Debono u Bernardette Debono** (minn issa 'l quddiem ir-rikorrenti) ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2015 fejn talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Mandat") għar-raġunijiet li ġejjin li:

*Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom u għalhekk qed jitolbu umilment illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tinibixxi u żżomm lill-intimat milli bi kwalunkwe mod ibigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi bi kwalunkwe titolu, kif ukoll milli jaggrava b'xi dejn jew b'xi titolu kemm reali u kemm personali: il-lock-up garage, liema jinsab taħt kumpless ta' appartamenti bl-isem Aurora Court, immarkat ittra E fuq pjanta annessa ma' kuntratt in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, aċċessibbli minn drive li tiżbokka fi Triq iż-Żernieq, Swatar limiti ta' Birkirkara, liema garage huwa aħjar deskritt fl-istess att tal-30 ta' Diċembru 2013 [Dok TD1];*

*Illi l-esponenti pprosegwew permezz ta' kawża Actio Pauliana u dana stante li minkejja li huma kredituri tas-soċjetà Bahia Estates Limited wara sentenza bin-numru 71/2014FDP, l-intimat (li kien direttur tal-istess kumpannija) u l-istess soċjetà Bahia Estates Limited, bi ħsieb ħażin waqt il-mori tal-kawża bin-numru 71/2014FDP ittrasferew l-istess proprjetà minn fuq is-soċjetà Bahia Estates Limited għal fuq isem Stephen Abela u b'hekk is-soċjetà Bahia Estates Limited ġiet svestita mill-assi kollha li hija kellha, b'dan li r-rikorrenti*

*llum ma jistgħux jitħallsu ta' kreditu li huma għandhom wara sentenza mogħtija kontra s-soċjetà Bahia Estates Limited [**Dok TD2]**;*

*Premess għalhekk illi t-trasferiment bejn l-intimat Stephen Abela u s-soċjetà Bahia Estates Limited sar evidentement bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti;*

*Illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat hija prima facie ġustifikata stante li skont riċerki hawn annessi [**Dok TD3]** jidher li dan l-garage għadu fil-pussess tal-intimat Stephen Abela;*

*Illi jekk dan l-mandat ma jintlaqax il-preġudizzju għar-rikorrenti ikun irrimedjabbli stante li l-intimat jitħalla liberu li jista' jiddisponi kif irid mill-istess proprejtà, li kif jirriżulta ampjament, kienet tas-soċjetà Bahia Estates Limited u għadha fuq isem l-intimat sal-ġurnata tal-lum [**Dok TD4]**;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Stephen Abela** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ippreżentata fl-10 ta' Ġunju, 2015 li tgħid kif ġej:

*Illi l-mandat ta' inibizzjoni odjern ma jistax jintlaqa' definittivament billi ma jissussistux il-kundizzjonijiet li trid il-liġi għall-ħruġ tal-istess mandat;*

*Illi fl-ewwel lok il-mandat odjern intalab mhux għaliex il-konjuġi Debono qed jippretendu li huma għandhom xi drittijiet fuq il-proprjetà konsistenti f'lock up garage sitwat taħt kumpless ta' appartamenti bl-isem Aurora Court aċċessibbli minn drive in li tiżbokka fi Triq iż-Żernieq, Swatar, limiti ta' Birkirkara, iżda sabiex huma jikkawtelaw kreditu li jippretendu li għandhom, liema allegat kreditu mhuwa bl-ebda mod konness mal-imsemmija proprjetà. Ir-rikorrenti fit-talba tagħhom għall-ħruġ tal-mandat odjern ma jagħtu ebda ġustifikazzjoni għalfejn il-mandat huwa neċessarju u indispensabbli għall-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom iżda jistrieħu biss fuq il-fatt li hemm kawża pendenti (numru 466/2015SM) li biha huma qed jittentaw jiżguraw kreditu li jippretendu li għandhom. F'każ bħal dan il-liġi teżiġi li biex kreditur ikun jista' jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex jiżgura dejn il-kreditu tiegħu għandu jkun ta' mhux anqas minn €11,646.86. Issa fil-każ odjern il-kreditu pretiż mir-rikorrenti Debono huwa dak imsemmi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Ġunju, 2014 fl-ismijiet Thomas u Bernardette konjuġi Debono vs Anthony Fountain personalment u fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Bahia Estates Limited, Bahia Estates Limited u Steve Abela fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Bahia Estates Limited (Avviż Numru 71/2014), u ċioè €8,368.05. Stante li din is-somma hija inferjuri għal €11,646.86, ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jitolbu l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni odjern – ara Artikolu 874 tal-Kap.12;*

*Illi inoltre, in kwantu l-Artikolu 874 tal-Kap. 12 huwa applikabbli, r-rikorrent kellu joħroġ l-imsemmi mandat fuq il-formola numru 25 kif imfisser ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony sive Antoine Vassallo et vs. Id-Direttur Ġenerali (Qrati) et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2012, u għalhekk ukoll il-proċedura adoperata hija waħda monka u nulla;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas ma jista' jingħad li l-mandat ta' inibizzjoni odjern jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 u ċioè:*

1. *Illi r-rikorrent jeħtieġlu juri li l-mandat huwa indispensabbilment meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu; u*

2. *Illi prima facie r-rikorrent irid ikun jidher li għandu l-jeddijiet pretiżi minnu;*

*Illi dan qiegħed jingħad għar-raġunijiet segwenti u ċioè:*

- *L-esponenti mhux debitur tar-rikorrenti u dan jirriżulta mill-istess sentenza tad-9 ta' Ġunju 2014 li kkundannat biss lill-kumpannija Bahia Estates Limited u lid-direttur l-ieħor tagħha Anthony Fountain in solidum bejniethom iħallsu l-ammont ta' €8,368.05 lir-rikorrenti, filwaqt illi lliberat lill-esponent mill-osservanza tal-ġudizzju – u dan proprju wara illi r-rikorrenti fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2014 kienu ddikjaraw u vverbalizzaw illi ma kinux qed jinsistu dwar it-talba tagħhom fil-konfront tal-esponenti u għalhekk irtiraw it-talba tagħhom fil-kawża numru 71/2014 in kwantu din saret fil-konfront tal-esponenti! Huwa ferm inġust u żleali illi issa li huma ottjenew sentenza fil-konfront tal-partijiet l-oħra (estranei għal dawn il-proċeduri) u baqgħu ma tħallsux, ir-rikorrenti intavolaw kawża u mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti biex il-kreditu tagħhom ibatih l-esponenti, meta kienu huma stess illi ċedew il-kawża oriġinali fil-konfront tiegħu!*

- *Fi kwalsiasi każ, ir-rikorrenti fil-kawża numru 466/2015SM (li hija l-kawża abbinata mal-mandat odjern) mhux qed jitolbu li jmorru lil hinn mill-corporate veil għal dak li għandu x'jaqsam mas-soċjetà Bahia Estates Limited u għalhekk mhux qed jibbażaw il-*

*pretensjonijiet tagħhom fuq xi allegat wrongful trading jew aġir ieħor sanzjonabbli da parti tad-diretturi tal-istess kumpannija. Biżżejjed wieħed jinnota illi filwaqt li d-direttur l-ieħor Anthony Fountain ġie kkundannat bħala responsabbli personalment in solidum flimkien mal-kumpannija, l-esponent li wkoll kien direttur ġie assolt (recte) minn tali responsabbiltà, u dan bl-akkwixxenza pjena tar-rikorrenti stess. U għalhekk ma jistgħux issa r-rikorrenti jippretendu illi sa minn qabel dik il-kawża l-esponenti kien qiegħed, personalment u bħala direttur tal-istess kumpannija, jaġixxi b'xi mala fides. Għalhekk prima facie ma jirriżultax illi jista' jkun hemm lok għall-eżerċizzju tal-azzjoni pawljana u tal-akkoljiment tal-mandat odjern in kwantu r-rikorrenti stess kienu, addirittura wara l-kuntratt tat-30 ta' Diċembru, 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, irrinunzjaw għar-responsabbiltà personali tal-esponenti fil-kors tal-kawża 71/2014;*

- *Inoltre anke fuq bazi prima facie ma jidhirx li l-esponenti seta' daħal fil-kuntratt tat-30 ta' Diċembru, 2013 bl-animu li jiddefrawda lir-rikorrenti minn xi kreditu tagħhom, u dan għas-sempliċi raġuni illi filwaqt li l-kuntratt sar fit-30 ta' Diċembru, 2013, is-sentenza li minnha jitwieled il-kreditu pretiż mir-rikorrenti ingħatat fid-9 ta' Ġunju, 2013 – jiġifieri l-kreditu pretiż mir-rikorrenti mhuwiex anteċedenti għall-kuntratt li qiegħed jiġi impunjat bil-kawża numru 466/2015SM. Terġa', fit-30 ta' Diċembru, 2013 (data tal-kuntratt mertu tal-kawża 466/2015SM) ir-rikorrenti kienu għadhom lanqas biss intavolaw il-kawża numru 71/2014 li fiha ġabu 'l quddiem il-pretensjoni tagħhom. Fil-fatt il-kawża 71/2014 ġiet intavolata biss fil-25 ta' Frar, 2014 u ċioè kważi xahrejn wara l-kuntratt tat-30 ta' Diċembru, 2013 li bih Bahia Estates Limited ittrasferiet il-garaxx inkwistjoni lill-esponenti. Għalhekk ċertament ma jistax jingħad, kif qed jallegaw ir-rikorrenti fil-premessi tal-kawża numru 466/2015SM, illi l-kuntratt inkwistjoni sar 'waqt il-mori tal-kawża 71/14FDP'. Kif jispjega l-Professur V. Caruana Galizia fin-noti tiegħu, għall-eżerċizzju tal-actio pauliana huwa neċessarju 'che il credito deve*

*essere nato anteriormente all'atto impugnato poichè il creditore ha per garanzia i beni presenti e futuri del debitore, non anche quelli passati.'*[1] *Issa fil-każ tar-rikorrenti huma qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq il-premessa illi l-esponent 'bi ħsieb ħażin waqt (recte) il-mori tal-kawża ittrasferixxa l-istess propjetà fuq ismu u svesta lis-soċjetà mill-assi kollha li kellha b'dan li r-rikorrenti ma jistgħux jitħallsu ta' kreditu li huma għandhom wara sentenza.' Huwa ċar illi r-rikorrenti qed isejsu l-bażi kollha tat-talba tagħhom fuq premessi li huma fattwalment żbaljati u dan in kwantu: (i) mhux minnu li t-trasferiment sar fil-mori tal-kawża 71/2014, u (ii) ir-rikorrenti stess jammettu li l-kreditu tagħhom twieled bis-sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2014 mentri biex tirnexxi l-azzjoni tagħhom huma jeħtiġilhom juru li kellhom kreditu kontra Bahia Estates Limited li jirrisali sa minn qabel it-30 ta' Diċembru, 2013. In vista ta' dan, żgur li t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern ma tistax tkun ġustifikata. L-esponenti jissottometti bl-akbar rispett illi r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu r-rexissjoni ta' trasferiment li huwa anteċedenti għall-kreditu tagħhom għaliex manifestament mhux il-każ li setgħet tissussisti xi frodi pawljana. Fuq bażi prima facie jirriżulta effettivament illi fid-data tal-kuntratt – u ċioè fit-30 ta' Diċembru, 2013 – ir-rikorrenti ma kinux għadhom ġew kanonizzati kredituri ta' Bahia Estates Limited u għalhekk ma setax ikun li Bahia Estates Limited tidħol f'kuntratt biex tevadi l-obbligi tagħha lejn kreditur li kien għadu ineżistenti, u li wara kollox ġie kanonizzat kreditur biss għaliex l-istess Bahia Estates Limited (minħabba laxkezza u nonċalanza tad-direttur l-ieħor Anthony Fountain) naqset li tiddefendi l-kawża u baqgħet kontumaċi;*

- *Jirriżulta ukoll mir-riċerki tal-istess Bahia Estates Limited ippreżentati mir-rikorrenti stess illi lanqas jista' jingħad illi fil-mument tat-trasferiment tal-garaxx inkwistjoni Bahia Estates Limited kienet tiżvesti ruħha minn kwalsiasi proprjetà li kellha. Dan għaliex dakinhar stess tat-30 ta' Diċembru, 2013 l-istess soċjetà*

[1] Caruana, V., *Diritto Civile*, Vol.II, p.643.

*kellha ukoll żewġ lock-up garages oħra fl-istess blokk li fil-fatt ġew ittrasferiti b'kuntratt separat lil Matthew Farrugia u Genieve Farrugia u kwindi jekk iridu jkunu konsistenti magħhom infushom ir-rikorrenti ma jistgħux jattakkaw biss it-trasferiment tal-garaxx lill-esponenti. It-trasferiment tal-garaxx lill-esponenti ma jistax jiġi meħud in kunsiderazzjoni waħdu iżda fil-kuntest tax-xenarju kollu, u għalhekk ma jistax jingħad li b'dan it-trasferiment partikolari l-esponent kien qiegħed ineżża' lill-kumpannija mill-assi kollha tagħha jekk kontemporanjament kien hemm ukoll proprjetà oħra li kienet għadha tal-kumpannija b'tali mod li setgħet tiġi trasferita lil terzi b'att separat;*

- *Aktar minn hekk, jirriżulta illi l-esponenti stess bħala azzjonist ta' Bahia Estates Limited huwa kreditur tal-istess kumpanija f'ammont ferm ikbar minn dak pretiż mir-rikorrenti. Fil-fatt il-kumpannija għandha shareholders' loans sostanzjali versu l-azzjonisti tagħha li huma l-esponent u Anthony Fountain. Kif jirriżulta mill-annessi Dokument 'SA1' u 'SA2' li huma kopja tal-accounts ta' Bahia Estates Limited għas-snin 2011 u 2013, l-azzjonisti tal-istess kumpannija kienu taw shareholders' loans lil Bahia Estates Limited li fis-sena 2010 kienu jammontaw għal €293,035. Kif jidher mill-istess accounts, fis-sena 2013 dawn naqsu għal €230,552 iżda xorta waħda s-somma dovuta lill-esponenti bħala kreditur ta' Bahia Estates Limited għal nofs ix-shareholders' loans li għandha l-istess kumpannija, tiżboq bil-bosta s-somma ta' €8,368.05 pretiża mir-rikorrenti. Qed jiġu annessi wkoll l-accounts tal-istess kumpannija għas-sena 2008 minn fejn jidher illi anke lura fis-sena 2008 kien hemm shareholders' loans ta' €188,215. Dan ifisser illi l-esponenti għandu kreditu kontra Bahia Estates Limited li huwa ħafna akbar minn dak pretiż mir-rikorrenti u li saħansitra jiġi anterjuri għal dak tar-rikorrenti. Għalhekk anke li kieku l-garaxx inkwistjoni kellu jiġi mreġġa' lura fil-patrimonju tal-istess Bahia Estates Limited, ir-rikorrenti mhuma bl-ebda mod se jiġġjovaw minn din ir-retroċessjoni stante illi l-valur tal-imsemmi garaxx ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa d-djun tal-kumpannija fil-*

*konfront tal-esponenti stess. Anzi, f'każ li l-imsemmi garaxx jiġi hekk trasferit lura lill-kumpannija, il-kreditu tal-esponenti kontra l-kumpannija jkompli jikber bil-valur tal-garaxx billi l-kumpannija tkun trid tħallas €7,500 lura lill-esponenti. Jirriżulta għalhekk illi l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija mhix se titjieb jekk jiġi annullat il-kuntratt de quo u allura ma hemm ebda skop li jiġi akkolt dan il-mandat;*

- *Għall-istess raguni, jiġi rilevat illi l-kuntratt tat-30 ta' Diċembru, 2013 kien wieħed oneruż u għalhekk il-patrimonju tal-kumpannija Bahia Estates Limited ma ġie bl-ebda mod imnaqqas u dan in kwantu minn naħa waħda l-kumpannija ttrasferiet garaxx iżda min-naha l-oħra l-istess kumpannija għamlet ukoll dħul ta' €7,500 u għalhekk prima facie ma jirriżultax li kien hemm menomazzjoni fl-assi tal-kumpannija per konsegwenza tat-trasferiment inkwistjoni;*

*Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-esponenti jirrileva illi huwa ma kellu xejn x'jaqsam mal-kwistjonijiet bejn ir-rikorrenti u Anthony Fountain. A bazi ta' dan il-fatt l-esponenti kien ukoll ikkontesta l-kawża numru 71/2014 u fil-fatt ir-rikorrenti kienu aċċettaw il-linja difensjonali tal-esponent tant illi ċedew il-kawża fil-konfront tiegħu. Kwindi ġaladarba r-rikorrenti stess kienu aċċettaw dan il-fatt ma jistgħux issa jattribwixxu xi frodi jew mala fede lill-esponenti;*

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, jirriżulta illi l-kreditu tar-rikorrenti huwa fil-konfront mhux biss ta' Bahia Estates Limited iżda wkoll fil-konfront ta' Anthony Fountain li huma solidalment responsabbli bejniethom ai termini tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2014. Kwindi, ir-rikorrent jista' talvolta jeżegwixxi l-kreditu kollu tiegħu mhux biss kontra Bahia Estates Limited iżda wkoll kontra Anthony Fountain, u dan mhux biss fuq il-proprjetà immobbli iżda wkoll fuq dik mobbli tal-istess persuni. Ma nġabet ebda prova illi tali eżekuzzjoni ma tistax tiġi*

*esperita b'suċċess jew illi Anthony Fountain huwa insolvibbli, u għalhekk fuq bażi prima facie ma jirriżultax illi r-rikorrent ma kellux ukoll mezzi oħra ta' eżekuzzjoni x'jirrikorri għalihom qabel ma jitlob il-ħruġ tal-mandat odjern u saħansitra mingħajr il-ħtieġa li jintavola l-proċeduri numru 466/2015SM. Wieħed ma jridx jinsa illi l-kreditu tar-rikorrenti kontra Bahia Estates Limited u Anthony Fountain huwa wieħed merament pekunjarju u għalhekk fin-nuqqas ta' prova li l-inibizzjoni odjerna hija assolutament neċessarja biex ma jiġux irrimedjabbilment ippreġudikati l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'. F'dan il-kuntest l-esponenti jiċċita dan il-bran minn* ***Baskal Farrugia et vs Brigitte Farrugia*** *et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2011:*

> *"Fl-ewwel lok jidher illi l-kreditu hu dirett fil-konfront taż-żewġ intimati u ma nġiebet ebda prova li l-kreditu ser jiġi eluż b'mod irrimedjabbli anki da parti tal-intimat hu x'inhu l-ftehim intern bejn l-intimati skont l-imsemmija skrittura. Inoltre lanqas inġiebet prova illi bil-bejgħ tal-proprjetà r-rikorrenti ser isofru xi preġudizzju billi r-rikavat ta' kwasiasi bejgħ hu dejjem suxxettibbli li jiġi kolpit bil-mandat protettiv appożitu. Wieħed ma jridx jinsa illi d-dritt reklamat mir-rikorrenti hu pekunjarju li jekk kanonizzat b'deċiżjoni tal-Qorti jista' jiġi infurzat fuq l-assi mobbli u immobbli tad-debituri eżistenti. Bil-ħruġ ta' dan il-mandat il-Qorti mhix sodisfatta li hu neċessarju biex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrenti (ara* ***Giacomo Galea vs Pio Bezzina*** *App Kumm 05/08/1954) jew li l-ħsara li tiġi kaġunata bil-bejgħ ma hemmx alternattiva għaliha jew li l-alternattiva hi sproporzjonata (ara* ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et****, Rik Inib 4216/1992 JDC). Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti filwaqt li tirrevoka d-digriet provviżorju tagħha tat-8 ta' Lulju, 2011 qed tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

*L-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Mejju, 2015 u tal-ġurisprudenza ċitata fiha fejn*

*jirriżulta ben stabbilit illi l-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni hija waħda straordinarja li ma għandhiex tiġi adoperata kapriċċjożament u illi l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda merament pekunjarja jew li tista' titħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi;*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jinibixxu u jżommu lill-intimat milli bi kwalunkwe mod ibigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi bi kwalunkwe titolu, kif wkoll milli jaggrava b'xi dejn jew b'xi titolu kemm reali u kemm personali il-*lock-up garage*, li jinsab taħt kumpless ta' appartamenti bl-isem Aurora Court, aċċessibbli minn drive li tiżbokka fi Triq iż-

Żernieq, Swatar limiti ta' Birkirkara (minn issa 'l quddiem "il-proprjetà"). Bħala kreditu li jixtiequ jikkawtelaw permezz tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2014 bin-numru 71/2014 FDP fejn huma ġew kanonizzati bħala kredituri tas-soċjetà Bahia Estates Limited u ta' Anthony Fountain in solidum bejniethom fis-somma ta' €8,368.05 flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż u bl-ispejjeż. Ir-rikorrenti mexxew b'kawża *actio pauliana* peress li minkejja li huma kredituri tas-soċjetà Bahia Estates Limited wara l-imsemmija sentenza, bi ħsieb ħażin u waqt il-mori tal-kawża, l-intimat li kien direttur ta' din il-kumpannija u l-istess soċjetà Bahia Estates Limited ittrasferew il-proprjetà minn fuq is-soċjetà Bahia Estates Limited għal fuq isem l-intimat. Ir-rikorrenti jsostnu li l-imsemmi trasferiment tal-proprjetà sar evidentement bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Min-naħa tiegħu l-intimat issolleva in linea preliminari illi f'każ bħal dan fejn ir-rikorrenti bl-iskop li jiżguraw il-kreditu tagħhom qegħdin jitolbu l-ħruġ tal-Mandat billi jinibixxu u jżommu lill-intimat milli bi kwalunkwe mod ibigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi bi kwalunkwe titolu il-proprjetà inkwistjoni, il-liġi teżiġi li il-kreditu tar-rikorrenti għandu jkun ta' mhux anqas minn €11,646.86.

Fil-każ odjern il-kreditu pretiż mir-rikorrenti huwa dak kanonizzat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Ġunju, 2014 (Avviż Numru 71/2014), u ċioè fis-somma ta' €8,368.05. Billi din is-somma hija inqas mis-somma minima stabbilita mil-liġi ta' €11,646.86 sabiex ikun jista' jinħareġ

Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-Artikolu 874 tal-Kap.12, l-intimat isostni li r-rikorrenti f'dan il-każ ma kellhomx dritt jitolbu l-ħruġ tal-Mandat.

Barra minn hekk ir-rikorrenti, skont l-intimat, kellhom jitolbu l-ħruġ tal-Mandat il-formola numru 25 kif imfisser ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Vassallo et vs Id-Direttur Ġenerali (Qrati) et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar, 2012, u għalhekk ukoll il-proċedura adoperata hija waħda monka u nulla.

Għal dan ir-rikorrenti wieġbu permezz tal-avukat difensur tagħhom waqt it-trattazzjoni tar-Rikors, fis-sens illi l-Mandat li qed jiġi mitlub f'din il-proċedura mhuwiex dak a tenur tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12, imma it-talba fil-fatt saret taħt id-dispożizzjoni ġenerali tal-liġi li tirregola l-ħruġ ta' Mandati ta' Inibizzjoni u ċjoè l-Artikolu 873 tal-Kap. 12.

Permezz tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 li kien ġie introdott bl-emendi li kienu saru għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XIV tal-2006[2], il-leġiżlatur stabbilixxa rekwiżiti ċari dwar meta jkun jista' jinħareġ l'hekk imsejjaħ Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju. Barra minn hekk ġiet ukoll regolata fid-dettall il-proċedura li għandha ssegwi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' din ix-xorta.

[2] Permezz tal-Artikolu 102 ta' dak l-Att.

Meta ġie introdott il-Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju fil-liġi tagħna, evidentement il-ħsieb tal-leġiżlatur kien li dan il-Mandat ta' Inibizzjoni speċifiku jkun japplika biss f'każ ta' djun u/jew pretensjonijiet ta' ċerta sustanza u ma jkunx applikabbli fejn l-ammont ta' dejn jew il-valur tal-pretensjoni jkun ta' inqas minn €11,646.86 (jew Lm5,000 fi flus ta' dak iż-żmien).

Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti, li ġaladarba ma kienx osservat wieħed mir-rekwiżiti essenzjali għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12, seta' xorta waħda jistrieħ bħala bażi legali għat-talba tiegħu fuq l-Artikolu 873 tal-Kap. 12, u ċjoè id-dispożizzjoni ġenerali tal-liġi li tirregola l-ħruġ ta' Mandati ta' Inibizzjoni.

Ikun kontrosens jekk fl-istess kuntest fejn il-leġislatur ipprovda għal ċerti rekwiżiti tassattivi li jridu jiġu osservati qabel il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12, imbagħad f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, jkun xorta waħda possibbli li wieħed jikseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju abbażi tad-dispożizzjoni ġenerali tal-liġi li tirregola l-Mandati ta' Inibizzjoni, ċjoè l-Artikolu 873 tal-Kap. 12.

Peress li huwa nieqes wieħed mill-elementi essenzjali rikjesti mil-liġi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tiġi milqugħha.

**Decide**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat kif mitlub fir-Rikors.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2015 safejn it-talba kienet ġiet milqugħha provviżorjament.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------